# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 6**

**Citazzjoni numru 809/93 JPG**

**Angelo, Francis, Joseph, Victor,**
**Margaret mart Carmelo Fenech,**
**Paolo u Maria Dolores mart Philip Micallef,**
**ahwa Camilleri, in-nisa mizzewga bl-assistenza ta' zwieghom,**
**li qieghdin jagixxu ukoll bhala kapijiet tal-komunjoni**
**u bhala amminstraturi tal-assi parafernali ta' marthom rispettiva**

**v.**

**Victoria armla Deguara u Joseph Camilleri**
**u skont il-verbal tas-7 ta' Dicembru 2005**
**giet kjamata in kawza Maria Dolores Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

> "Peress li l-istanti u l-konvenuta Victoria Deguara ghandhom imbqabbla ghandhom ir-raba fi Triq Burmarrad, Burmarrad u li huma ilhom jahdmu bi ftehim bejniethom bhala gabillotti u bhala eredi ta' Giovanni Gatt, u li l-qbiela tieghu kienu johorguh l-istess eredi u jithallas lill-awtoritajiet ekklesjastici, is-sidien ta' l-istess ghalqa.

"Peress li l-konvenuta Victoria Deguara, minghajr permess u konsens tal-atturi tal-awtoritajiet ekklesjastici, cediet id-drittijiet ta' qbiela ta' parti tal-ghalqa, li kienet giet lilha assenjata biex tigi mahduma, lill-konvenut l-iehor Joseph Camilleri, u dana bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi u bi ksur ta' dawk id-drittijiet, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex:

"1. m'ghandux jigi dikjarat u deciz li il-konvenuta Victoria Deguara ma kellha ebda dritt li ccedi dik il-parti tal-ghalqa fuq riferita, li kienet lilha giet assenjata, u li kienet qeghda tiddetieni b'titolu ta' qbiela, kif fuq spjegat lill-konvenut Joseph Camilleri u

"2. konsegwentement m'ghandux jigi dikjarat u deciz l-istess cessjoni hija invalida u nulla u

"3. il-konvenut Joseph Camilleri m'ghandux jigi kundannat jirrilaxxa u johrog minn dak ir-raba fi zmien qasir u perentorju li jigi minn din il-Qorti fissat.

"Bl-ispejjez, harrek lill-konvenuti li jibqghu inqunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenuti Joseph Camilleri u Victoria Camilleri eċċepixxew illi:

"1. Illi fl-ewwel lok il-karenza tal-interess guridiku tal-atturi u ghalhekk leccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Illi fit-tieni lok il-gudizzju mhux integru u dan stante li una volta li qeghda tigi attakkata ic-cessjoni tal-qbiela in kwistjoni u l-assenjazzjoni tal-istess lill-eccipjent Joseph Camilleri huwa mehtieg sina qua non il-prezenza tal-istess Awtoritajiet Ekklesjastici jew persuni ohra flokhom fid-dawl tal-ftehim milhuq bejn l-Istat u s-Santa Sede;

"3. Illi fi kwalunkwe kaz jekk qatt l-atturi ghandhom dritt ghal xi parti mitterritorju li kienu jahdmu, tispetta lilhom dik il-parti li jahdmu biss li hija addirittura mqabbla lilhom u mhux dik il-parti li hija in ballo;

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat ir-rikors intavolat fl-10 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu l-atturi talbu li jissejjah fil-kawza l-Ufficcju Kongunt;

Rat il-provvediment moghti fil-5 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu l-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet din it-talba nonostante l-oppozizzjoni tal-konvenuti;

Rat l-appell intavolat mill-konvenut Joseph Camilleri li permezz tieghu qed jitlob ir-revoka ta' dak il-provvediment u kwindi li tigi michuda t-talba tal-atturi f'dak ir-rigward.

Ikkonsidrat:

Illi l-istitut tal-kjamat fil-kawza gie definit hekk fil-kawza **Joseph Riolo proprio et nomine v. Carmel Muscat** deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 1991:-

> "L-istitut (tal-kjamat fil-kawza) jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, principalment:
>
> "(a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra.
>
> "(b) Dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha" (Ara wkoll **Vol. LXIX.i.96, Vol. LXXIX.ii.1110 kif ukoll "C. Mamo vs B. Abela" deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2000 u Booker noe vs Camenzuli et, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2001.**

Fis-sentenza **Bellizzi v. Awtorita` Marittima**, Qorti Kostituzzjonali 30 ta' Mejju 2003 intqal illi:

> "Illi in tema legali, din il-Qorti, ghar-rigward tal-istitut tal-kjamata fil-kawza, taghmel referenza ampja ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "**Teresa armla Cilia vs Vincenzo Drago et**" deciza fit-3 ta' Frar 1960, kif ukoll ghall-kazistika hemm indikata. F' dik is-sentenza, ... ... il-Qorti, wara li rribadiet il-principju li l-fondament tal-istitut tas-sejha fil-kawza huwa l-interess li l-persuna jkollha fl-esistu tal-gudizzju, osservat hekk: "*Illi huwa minnu li gie hafna drabi deciz minn dawn it-Tribunali li l-kjamata in kawza mhix ammissibbli meta l-interess tal-persuna li ghandha tigi kjamata kien jesisti mill-bidu tal-procediement, imma gusrisprudenza lokali altrettantu awtorevoli, bazata fuq studju aktar penetrattiv tal-istess gurisprudenza relattiva affermat li dak l-principju li gie fuq enunzjat huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna assolutament estranea u ma jkollu ebda interess fil-kawza ghar-raguni logika li f' kazi simili bil-kjamata ikun hemm sostituzzjoni tal-konvenut mill-persuna tal-kjamata, mentri jekk il-konvenut inizjali, ghalkemm ma jkunx l-uniku interessat fil-fatt ikollu ukoll interess fil-kawza, l-istess kjamata ta' interessati ohra mal-konvenut inizjali u originarju, li jkollu interess, il-procedura invokata ma tkunx qieghda tapporta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-process u kwindi l-istess hija* ***permessa u sostenibbli***
>
> [ara PA Civili 8 Frar 1936. **Modesta Borg vs Antonio Delia Vol.XXIX.II.970; PA Civili 30 ta' Novembru 1935 Pulis vs Ellul deciza fil-meritu imma l-punt tal-kjamata filkawza deciz fit-2 ta' Mejju 1935 fl-istess kawza inedita; PA Civili 8 Lulju 1901 Bonavia vs Dr.Ross Vol.XVIII.II.52; PA Civili 3 Ottubru 1907 Pace vs Scicluna Vol.XX.II.362, u Appell dezert fit-18 ta' Dicembru 1920 Kummerc 21 Jannar 1919 Zahra vs Scicluna Vol.XXIV.III.739** *f'liema l-ahhar sentenza l-Imhallef sedenti qal inekwivokabilment li: "Che quando non si tratti di rinnovare il-procedimento, sostituendo alla parte originariamente citata, una persona diversa, ma bensi' di integrare il-procedimento coll' aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso, la chiamata in causa si deve ammettere"].*

L-aggravji tal-appellanti huma tlieta – li s-sentenza hija legalment zbaljata, li mhux permissibbli li tintalab sejha fil-kawza fi stadju avvanzat hafna tal-proceduri u li bl-akkoljiment tat-talba tal-atturi l-ewwel Qorti kif nghidu "caqalqet il-lasti" u dan ghaliex kien evidenti ghall-appellati li l-Qorti kienet se tilqa' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju.

Rigward l-ewwel aggravju huwa evidenti mill-gurisprudenza indikata li dan mhuwiex fondat ghaliex jezistu r-rekwiziti legali biex it-talba tal-

appellati tintlaqa' peress li huwa evidenti li l-Ufficcju Kongunt bhala sid tal-propjeta` in kwistjoni ghandu interess fl-ezitu tal-kawza kif jidher mill-att tac-citazzjoni fuq imsemmi. Rigward it-tul ta' zmien li ilha pendenti l-kawza, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Calleja v. Degiorgio** deciza fid-9 ta' Marzu 2001 ikkummentat hekk:

> "Din il-Qorti tifhem certament x'immotiva l-ewwel Qorti li bhala thossha hafna drabi frustrata bil-fatt li kawza li tista' essenzjalment tispicca fi zmien qasir iddum ix-xhur twal jekk mhux is-snin biex tinqata'. Huwa veru, infatti, li din il-kawza per ezempju ilha pendenti minn 1997. Ma jfissirx, pero', illi ghal dan ghandu jigi sagrifikat il-principju li kemm jista' jkun, mhux biss issir il-Gustizzja, imma anke ssir b'mod illi wiehed ma jhossx li saret ingustizzja mieghu. In verita', din il-Qorti tahseb illi benche' l-Ewwel Qorti kienet motivata tajjeb, in realta, forsi decizjoni li tichad it-talba fuq il-bazi li hija ghal ahjar fini ghal ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja minhabba li l-kawza kienet ilha pendenti minn 1997 timporta xi htija da parti tar-rikorrent li fil-fatt din il-Qorti, pero', m'hijiex qed tintravedi. Minhabba f'hekk jidhrilha li jkun aktar indikat fl-ahjar interess tal-Gustizzja li tinvita lill-Ewwel Qorti li tindirizza l-kwistjoni tal-kjamata in kawza fid-dawl ta' jekk hiex necessarja jew le konsidrat il-meritu tal-kawza aktar milli fuq il-fatt illi l-istess kawza ilha pendent ... ..."

Jibqa' allura l-aggravju tal-bdil tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-integrita` tal-gudizzju. F'dan ir-rigward, f'kaz simili hafna ricentement deciz minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Nazzareno Zahra v. Emanuel Zahra** (27 ta' Ottubru 2017) intqal hekk;

> "... ... meta t-terzi jippretendu jedd fuq il-ħaġa – bħal fil-każ tallum, fejn il-konvenut qiegħed jippretendi li l-għalqa hija mikrija lilu – il-kerrej ma jistax jaġixxi kontra dawk it-terzi fl-isem tiegħu nnifsu. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jgħid l-art. 1553:
>
>> »**1553.** Jekk it-terzi li jkunu kkaġunaw molestja b'għemilhom, jippretendu li għandhom xi jedd fuq il-ħaġa mikrija, jew jekk il-kerrej ikun huwa nnifsu ġie mħarrek biex jiġi kkundannat jitlaq minn idejh il-ħaġa kollha jew biċċa minnha, jew biex iħalli li tiġi eżerċitata xi servitù, hu għandu jsejjaħ lil sid il-kera biex jiddefendih, u, kemm-il darba hekk

> jitlob, għandu jiġi meħlus mill-kawża, billi jagħti l-isem ta' sid il-kera illi fl-isem tiegħu huwa jkollu f'idejh il-ħaġa.«
>
> 15. Dan huwa loġiku, għax jekk hemm kontestazzjoni dwar min hu l-kerrej ma jkunx ġuridikament korrett illi l-kwistjoni tiġi deċiża fl-assenza tas-sid li ċertament huwa parti interessata fil-kwistjoni. Għalhekk, ukoll jekk kerrej – *qua* kerrej u mhux *qua* detentur – għandu azzjoni diretta kontra terzi, irid qabel xejn jagħmel prova tat-titolu tiegħu ta' kerrej u, jekk dan hu kontestat, irid bilfors jissejjaħ fil-kawża s-sid biex il-ġudizzju jkun integru. Għalhekk il-liġi tgħid illi l-kerrej "*għandu* jsejjaħ lil sid il-kera biex jiddefendih".

Ghalhekk huwa car li huwa necessarju li l-Ufficcju Kongunt ikun imsejjah fil-kawza u konsiderazzjonijiet ohra imressqa mill-appellant fir-rigward jistghu jkunu ta' rilevanza biss meta l-Qorti tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u kwindi tikkonferma l-provvediment tal-5 ta' Ottubru 2016. Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ta' dan l-incident ikunu bla taxxa bejn il-partijiet. Il-Qorti inoltre tordna li jsir l-annotament apportun fic-citazzjoni billi jigi nnotat li b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2016 gie kjamat fil-kawza l-ufficcju kongunt. Tordna wkoll li l-atti tal-kawza jigi rinvjat lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df